MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 507/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Versus**

**Alan (Joseph-Alan) Calleja**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alan (Joseph-Alan) Calleja ta’ 37 sena bin Carmelo u Carmen nee Fenech, imwieled Attard, nhar it-30 ta’ Ġunju 1969 u residenti ġewwa l-fond bl-isem Padre Pio Falts, 5 Balzan Valley, Balzan Malta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 271469 (M)

Akkużat talli nhar it-8 ta’ Mejju 2007 għall-ħabta ta’ xi 20.15 ġewwa Ħal-Balzan:

a) Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għaraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fuq bieb ta' barra, u cioe' ta' fond 15 Flat Numru 2, Eileen Flats sitwat f'Balzan Valley Balzan liema ħsara hija aktar minn Lm50 iżda mhux aktar minn Lm500 għad-dannu tal-istess sid u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd u cioe' ta' James Brincat, Jacob Lee Birncat u Jonathan Brincat weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-artikolu 252(1)(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 2714 tal-1969, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens kemm tal-Avukat Ġenerali kif ukoll tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokument MC1 (fol 13), Dok MC 2 li huwa l-current incident report, l-istqarrija tal-imputat a fol 21, u t-traduzzjoni bil-Malti ta' dak li xehed James Brincat a fol 23 et, (fol 68)

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Li fit-8 ta' Mejju 2007 il-Pulizija kienet irċeviet rapport anonimu li għall-ħabta tat-8.15pm fi Triq il-Wied Balzan raġel kien qed jagħti bis-sieq fuq il-bieb tar-residenza numru 15. Kienet ippreżentata stima tal-ħsarat li kienet tammonta għal aktar minn Lm150.

Fl-istqarrija tiegħu tat-28 ta' Mejju 2007 l-imputat qal li kien mar fil-post Eileen Flats Balzan Valley Balzan u ħabbat il-bieb ta' barra bil-pulit. Fetaħ il-bieb ġuvnott u l-imputat talbu biex iħallu bi kwieta lill-mara ta' ħuha. Il-ġuvnot sabbatlu l-bieb f'wiċċu. L-imputat kellu idejh ġewwa mill-bieb u daħħal saqajh ħa jilqa' d-daqqiet tal-

bieb. L-intenzjoni tal-imputat kienet li jkellem lil-ġenituri tat-tfal. Huwa ċaħad li kien sabbat fuq il-bieb.

Skond James Brincat l-imputat kien ħabbat fuq il-bieb jistaqsi kienx hemm xi problema. L-imputat kien ixxuttja l-bieb. Il-bieb infaqa'. Is-serratura ma setgħetx tintuża għax baqgħet imwaħħla. Huwa kien ċert li l-imputat kein ixxuttja l-bieb għaliex d-daqqa kienet akbar minn daqqa ta' ponn u kellu jżomm il-bieb bis-saħħa ta' ġismu kollu.

Jonathan Luke Brincat xehed li ħuh mar jiftaħ il-bieb meta l-imputat ipprova jidħol ġewwa u beda jgħid li għandu problema. Ħuh għalaq il-bieb u l-imputat fetaħ il-bieb billi xxuttjah. Huma kkonferma li s-serratura kienet inkisret għaliex il-lock minn ġewwa kien imkisser u s-serratura minn ġewwa ma setgħetx tinżel. Huwa qal li l-imputat ipprova jidħol ġewwa.

Jacob Lee Brincat xehed li l-imputat kien ħabbat fuq il-bieb. Ix-hud sema d-daqqiet ta' sieq fuq il-bieb.L-imputat beda jgħidilhom biex jinżlu isfel u jiftħulu l-bieb. Imbagħad waslu l-Pulizija u omm ix-xhud

Joanna Brincat xehdet li kienu `eplulha t-tfal biex jgħarrfuha li kien hemm raġel qed jipprova jkisser il-bieb biex jidħol.,Hi qaltilhom biex jagħlqu l-bieb. Meta waslet fuq il-post minn San Pawl il-Baħar kien hemm ħafna pulizija. Hija sabet is-security lock maqlugħa bl-iscrews mal-art u l-bieb ma kienx jingħalaq sew. Hija kienet rat il-bieb imkisser.

PS 564 Jeffrey Schembri mar fuq il-post flimkien ma WPS 61 u sab lill-imputat iħares lejn il-gallarija u naqra aġitat. L-imputat kien qallu li kien hemm xi tfal fil-gallarija lib dew jagħmlu xi ħsejjes fil-konfront tagħhom. Kien tela' jħabbtilhom il-bieb u ħin minnhom it-tifel kien kien fetaħ il-bieb u reġa' sabbtu. It-tfal dehru ppanikjati. Ma dehrlux li kien ra ħsara fuq il-bieb. Huwa la kien ta każ tal-bieb u lanqas tal-lock.

WPS Maria Cuschieri qalet li hi ma kenitx fittxet għall-ħsara għax kien wara li nfurmawhom bil-ħsara. Hija wkoll ma kenitx iċċekkjat fuqha. (Fol 11).

Mark Grima ikkonferma l-istima li tidher a fol 13.

Mariella Calleja (il-mara ta' ħu l-imputat) xehdet li kellha tilwima mas-sinjura Brincat (fol 72). Hija kienet rat lill-imputat iħabbat fuq il-bieb u semgħetu jgħid 'Ar'hemm għax ser taqlagħli jdejja.' Fil-kontro-eżami hija qalet li l-lock u lanqas il-bieba tas-sinjura Brincat ma nbidlu. Xi xahar wara t-tfal kienu kissrru l-bieb għax issakkru barra.

**Xhieda difiża**

L-imputat xehed li kien mar fuq il-post ta' Ħal-Balzan sabiex jikkalma s-sitwazzjoni. Il-mara ta' ħuġ kienet imwerwra mill-ġara li kienet qed theddidha. Malli mar tal-faċċata bdew jgħajjtu. Jien staqsejt lit-tfal jekk kienx hemm ommhom jew missierhom u min fetaħ qabad u għalaq il-bieb. L-imputat kellu bilfors iżomm mal-bieb għax kein hemm tarġa għolja. Huwa daħħal saqajh fil-bieb biex it-tifel ma jaqlagħlux idejh. Huwa xehed ukoll li l-bieb ma ġralu xejn. Il-mara ta' ħuh kienet għamlet operazzjoni diffiċli.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti eżaminat id-dokument MC1 a fol 13 li juri li l-ħsara stmata kienet ta' security lock with bars, removal of the said lock and changing of door stiles, Labour u Vat – somma li tammonta għal Lm153.40 (€358.95).

L-imputat innega għal kollox li huwa għamel xi saħħa fuq il-bieb. Biss it-tfal tal-familja u ommhom qalu li l-lock kellu ħsara wara l-inċident u għalhekk il-bieb ma setax jissakkar. Fil-fehma tal-Qorti l-ħsara fuq il-lock tirriżulta li saret fil-jum meta sar l-inċident u waqat l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni mhux f'xi jum ieħor.

Iżda mill-provi jirriżulta li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jmur u jkisser il-bieb in kwistjoni.  Lanqas ma kien ippruvat li fforma dan il-ħsieb fil-mument meta fid-dar sab it-tfal flok il-ġenituri.  Bilfors li ntużat xi forza sabiex it-tfal jew min minnhom żammew jew żamm lill-imputat barra mill-bieb speċjalment jekk l-imputat kellu idu ġewwa u ried jevita li l-bieb jingħalaq fuqha. Dan seta' kien il-kawża tal-ħsara.  Iżda ma nġabet ebda prova li l-imputat mar biex ikisser il-bieb.  L-intenzjoni li tagħmel dolo hija wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 325.

Fin-nuqqas tal-element formali l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Ma nġabet ebda prova dwar it-tieni imputazzjoni u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat

Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 252(1)(2) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------